# Id-Dekorazzjoni tas-Saqaf tal-Knisja Arċimatriċi tal-Gudja

Mario Mangion



*Il-faċċata tal-Knisja minn ġewwa bil-lunett vojta.*

Wara li tlestiet il-Faċċata tal-Knisja, fi żmien il-Kappillan Dun Alfons Gauci, inħasset il-ħtieġa li tibda id-dekorazzjoni tagħha. L-ewwel ma' beda kien il-kor, bl-invjar u l-iskultura, u beda bl-irkatura ta' taħt il-koppla, sewwa sew fejn hemm it-tużell. Dan ġara bejn is-snin 1919 u 1920 fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Spiteri, li kien imexxi minn Monsinjur Schembri minħabba li kien għad għandu biss 27 sena.

Dan ix-xogħol tal-kor kien beda taħt l-imgħallem Fortunato, magħruf bħala 'Mastru Fortun', mill-Birgu. Fortun kien iħażżeż id-disinn fuq il-post stess flimkien ma' ibnu. Miegħu kellu jaħdmu bil-ġurnata, lil Lorenzo Gatt, lil Wistin Galea, u lil Carmelo Dalli, mentri fil-Ħdud, fil-festi u wara l-ġurnata tax-xogħol, kienu jaħdmu xi voluntiera oħrajn.

Ta' min isemmi li nhar l-1 ta' Novembru 1921, sewwa sew kif spiċċat l-uffiċjatura tal-mejtin, kien sfronda l-armar li kienu ħadmu n-nies fuqu u weġġħu xi nies, fosthom insibu lil Stifnu Zammit, Ġanni Azzopardi, Gaetano Sacco u oħrajn.

Meta tlestiet l-iskultura tal-kor, beda x-xogħol fil-koppla. F'dan il-waqt, il-kappillan spiċċa minn hawn u ġie minfloku Dun Nikol Abdilla, fis-sena 1922, waqt li fis-sena 1923 kien ġie l-magħruf iben ir-raħal: Dun Piet Far-





rugia, li sa dan iż-żmien kien Kanonku fil-Kolleġjata ta' San Pawl tal-Belt.

Dun Piet daħal b'ruħu w ġismu għax-xogħol tad-dekorazzjoni tal-knisja. L-ewwel ma għamel kien li ta x-xogħol tal-koppla lil Benjamin Tonna tar-Rabat. L-Imgħallem Benjamin ippreżenta d-disinn ta' kif kellha tiġi l-koppla minn ġewwa, bil-flieli tagħha u l-pilastri ta' l-injam u dawk it-32 mensla tal-ġebel, u l-lunetti tas-saqaf. Filwaqt li l-Imgħallem Benjamin għamel ix-xogħol kollu ta' l-injam tal-koppla u tal-lunetti, l-Imgħallem Fortun, għamel ix-xogħol fil-ġebla tal-mensli ta' taħt il-gwarniċa.

F'dan iż-żmien li qed ngħidu, Dun Piet qabbad żewġ imgħallmin oħra: biss din id-darba lil ċertu Liberat u lil Benjamin Agius it-tnejn mill-Birgu, biex jaħdmu fl-iskultura tal-ġebla.

Mastru Liberat ħadem fil-gwarniċa madwar il-Knisja kollha, filwaqt li l-Imgħallem Benjamin Agius ħadem l-armi ta' fuq l-artali bil-mensli ta' l-artali tal-Korsija b'kollox.

Huwa ta x-xogħol tal-Pittura ta' l-4 Evanġelisti ta' taħt il-koppla lill-Kavallier Ramiro Kalì.

Ix-xogħol tal-Gallerija ta' l-orgni u ta' l-antiporti ta' l-irġiel, Dun Piet kien reġa' fdah f'idejn Benjamin Tonna.

Filwaqt li sar dan kollu, issa kien jonqos ix-xogħol ta' l-aħħar, jiġifieri ż-żebgħa u l-induratura bid-deheb fis-saqaf u fil-koppla. Dan kien ġie mgħoti lill-Imgħallem Gianmari Massa ta' B'Kara.

Tajjeb li meta wieħed jidħol fit-tempju maestuż, iddedikat lil Ommna Marija Assunta, hawn fir-raħal tagħna tal-Gudja, jgħolli ħarstu 'l fuq u jrringrazzja 'l dawk kollha li b'sagrifiċċji hekk kbar u b'dedikazzjoni xejn inqas żgħira, tawna dawn l-opri tant sbieħ.